SOĊJETÀ MUŻIKALI MADONNA TAL-ĠILJU
'PALAZZ IL-ĠILJU' PJAZZA TAL-KNISJA, L-IMQABBA. MALTA MQB 1012 VO/0204
WWW.TALGILJU.COM INFO@TALGILJU.COM

# OFFERTA GĦALL-KIRI TAL-BOTTEGIN TAL-KAŻIN GĦALL-PERJODU BEJN L-1 TA' SETTEMBRU 2022 U L-31 T'AWWISSU 2023

Il-Kumitat Amministrattiv qiegħed jirċievi l-offerti għall-**KIRI TAL-BOTTEGIN TAL-KAŻIN** sa nhar il-Ħadd 26 ta' Ġunju 2022 f' 12.00pm. Min jitfa' l-offerta jrid ikollu età t' aktar minn tmintax (18) 'il sena. L-offerti ser jiftħu nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2022.

**L-applikazzjonijiet jistgħu jinkisbu:**

I. Mill-bar tal-Każin
II. Jew mingħand is-Segretarju is-Sur Julian Falzon
III. Jew minn fuq is-sit elettroniku www.talgilju.com

**L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi permezz ta' waħda minn dawn it-tlieta:**

I. Jintefgħu fil-kaxxa siġġillata fil-pjan terran tal-Każin
II. Jew jintbagħtu permezz ta' posta elettronika fuq info@talgilju.com
III. Jew jimtlew fuq il-website www.talgilju.com

## REGOLAMENTI TAL-BOTTEGIN

1. Il-Kumitat jissuġerixxi li l-offerta tkun ta' mhux anqas minn **€12,000**.

2. Flimkien mal-offerta, l-applikant irid jitfa' wkoll kopja tal karta tal-identita/document ta' identifikazzjoni u il-kondotta tal-pulizija aġġornata sal-aħħar ta' Mejju ta' din is-sena. L-operatur għandu jippreżenta kopja tal-karta tal-identita/document ta' identifikazzjoni u l-kondotta tal-pulizija tal-ħaddiema li ser ikunu qegħdin jaħdmu fil-bottegin tal-Każin qabel dawn jibdew jaħdmu ġewwa l-bottegin.

3. Qabel ma jiffirma l-kuntratt, l-operatur irid jirreġistra n-numru tal-VAT u jrid jagħmel użu mill-cash register jew mill-irċevuti tal-VAT.

4. Qabel ma jiġi ffirmat il-kuntratt, l-operatur irid iħallas depositu ta' **20%** tal-offerta mitfugħa, liema depożitu jkun ritornat wara li jispiċċa t-terminu tal-kirja u wara li jsiru l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq l-apparat u l-għodda tal-Każin. **Jekk dan id-depożitu ma jiġix imħallas mill-operatur qabel jibda' jopera, l-kuntratt jaqa' u jingħata lit-tieni preferenza.** Jekk ma jkunx hemm preferenzi oħra, jerġgħu joħorġu l-offerti bl-istess kundizzjonijiet.

5. **Il-Kera tal-bottegin titħallas kull XAHAR bil-quddiem, bl-ewwel ħlas ikun mal-iffirmar tal-kuntratt. Ma' dawn, kull xahar, l-operatur irid iħallas ukoll sehem il-bottegin tad-dawl u l-ilma. Jekk l-operatur jonqos milli jħallas il-kera skont kif miftiehem, il-Kumitat Amministrattiv iżomm id-dritt li jieħu l-passi neċessarji. Jekk dan in-nuqqas ikun ripetut il-kuntratt jiġi terminat minnufih.**

6. Il-Bottegin jittieħed mill-**1 ta' Settembru 2022 sal-31 t' Awwissu 2023**. Jekk l-operatur jonqos li josserva xi waħda minn dawn ir-**REGOLAMENTI**, jew oħrajn li jista' joħroġ il-Kumitat minn żmien għall-żmien, il-Kumitat iżomm id-dritt li jieħu lura l-Bottegin u joħroġ offerti ġodda mingħajr ma l-operatur jingħata kumpens. **Bi ftehim straordinarju mall-Kumitat Amministrattiv, għal din is-sena biss, l-operatur jista' jibda jopera mill-1 ta' Lulju 2022 (minflok mill-1 ta' Settembru 2022) u f' dan il-każ il-ħlas matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2022 ikun ibbażat fuq is-somma mifthema għall-ewwel sena. Ir-Regolamenti imniżżla fil-Kuntratt ikunu japplikaw kollha mingħajr eċċezzjoni matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2022 ukoll.**

7. **Min jingħata l-offerta, ser ikollu ċ-ċans li jġedded il-kuntratt għal-sena jew sentejn oħra. Dan iseħħ biss wara evalwazzjoni tal-andament tal-operaturi tal-bottegin mill-Kumitat Amministrattiv qabel ma tagħlaq l-ewwel sena tal-operat. Jekk l-evalwazzjoni jkollha eżitu pożittiv, l-operatur ikollu l-għażla li jġedded il-kuntratt iżda dan mhux obbligatorju. Il-Kumitat iżomm id-dritt li jgħolli l-offerta tat-tieni sena sa 10% iktar mill-ammont maqbul fl-ewwel sena u li jerġa' jgħolli l-offerta tat-tielet sena sa 10% iktar mill-ammont maqbul fit-tieni sena.**

8. L-operatur huwa liberu li jdaħħal prodotti ta' birra, alkoħol, minerali u inbid li jrid huwa.

9. L-operatur għandu jżomm il-każin nadif. Fil-bottegin, kemm l-operatur u kif ukoll dawk li jkunu qed jgħinuh, iridu jkun liebsin diċenti. L-operatur għandu aċċess sabiex juża l-magna tal-ħasil, li hija proprjetà tal-Każin, liema magna jrid jirritornaha f'kundizzjoni tajba. F'każ li l-Kumitat Amministrattiv ma jkunx kuntent bil-livell ta' ndafa, l-Kumitat għandu dritt li jqabbad kumpanija privata sabiex tnaddaf is-sede tas-Soċjetà, liema spejjeż iridu jitħallsu mill-operatur.

10. L-operatur jrid iżomm l-affarijiet nodfa u jobdi lill-membri tal-Kumitat dwar il-volum tal-istereo, T.V. etc. Xandiriet Politiċi huma projbiti. Tipjip taħt **l-EBDA** ċirkostanza m'hu permess fil-Każin. Is-servizzi tal-komunikazzjoni (TV + Internet) jitħallsu kollha mill-operatur. **Fejn jidħol volum tal-istereo jew T.V., l-operatur irid jimxi mal-liġi u regolamenti tal-pulizija, li preżentament jistipulaw li kull tip ta' volum irid jintefa' fil-11:00pm. L-operatur għandu l-obbligu li jitfi l-PA System tal-bottegin 15 'il minuta qabel il-ħin stipulat.** Fin-nuqqas ta' dan, il-Kumitat għandu dritt jimponi penali ta' €50 kull darba li din ir-regola ma tkunx osservata. Barra minn hekk, kemm 'il darba s-Segretarju tas-Soċjetà jkun imħarrek sabiex jitla' l-qorti minħabba problemi kawżati mill-operatur, il-Kumitat għandu dritt jimponi penali ta' €200. F' każ li l-Każin jeħel multi minħabba nuqqas min-naħa tal-operatur, dawn il-multi għandhom jiġu mħallsa mill-operatur. L-operatur irid ukoll ikun konformi mal-liġijiet kollha li jistgħu jitħabbru minn żmien għal żmien.

11. L-operatur huwa responsabbli mis-sigurtà tal-Każin, billi qabel jitlaq, jara li kullimkien ikun imsakkar.

12. L-*appliances* li huma proprjetà tal-Każin jaqgħu taħt ir-responsabbilta tal-Kumitat Amministrattiv, **iżda l-ispejjeż relatati mall-ħsarat u maintenance ġenerali tagħhom iridu jinqasmu nofs bin-nofs (50/50) bejn l-operatur u il-Każin dejjem jekk dawn ma jkunux kaġun ta negliġenza mill-operatur**. Kwalunkwe tibdil jew żieda t' apparat fil-bottegin tista' ssir biss wara qbil mal-Kumitat Amministrattiv.

13. Ikliet jew attivitajiet soċjali jistgħu isiru, iżda dejjem għandu jkun hemm konsultazzjoni mall-Kumitat Amministrattiv mill-anqas ħmistax qabel id-data tal-attività. Jekk isir xi *Gathering*/ *Party*/ etċ, l-operatur irid iħallas il-permessi u l-extra duty tal-Pulizija. Jekk tinkiser il-liġi, l-Kumitat Amministrattiv ma jkunx responsabbli.

14. Fil-jum tal-Festa, l-operatur irid jagħlaq il-Każin fl-4.30pm biex inaddaf qabel il-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju, mbagħad il-Każin irid jerġa' jiftaħ fil-5.30pm.

15. L-Operatur għandu d-dritt għal ħmistax fil-mija ta' kull Ewro (15%) fuq il-logħob kollu tal-isnooker. L-operatur irid jara li l-isnooker ma jintlagħabx mingħajr id-dawl tal-meter. Barra minn hekk, tfal żgħar m'għandhomx jitħallew jilgħabu l-isnooker. Jekk issir ħsara lil dawn l-affarijiet u l-operatur jonqos li jindika l-persuna li tkun għamlet il-ħsara, dan jeħel l-ispejjeż kollha.

16. Il-bottegin jittieħed kif inhu, jiġifieri "**Tale Quale**". Il-Kumitat iżomm id-dritt li jitkompla x-xogħol ta' tisbieħ fil-pjan terran tal-Każin. Dawn ix-xogħlijiet isiru b'konsultazzjoni mal-operatur u naraw li jtellfu l-inqas possibli l-operat tal-bottegin.

17. Jekk min jieħu l-bottegin jiddeċiedi li jitlaq qabel iż-żmien dan ma jistgħax jinnegozjah. Il-Kumitat joħroġ offerti ġodda filwaqt li l-operatur ikun irid iħallas issomma kollha skont l-offerta.

18. Jekk l-għola offerta tiġi aċċettata mill-Kumitat u wara l-persuna ma tieħux il-bottegin, dan jeħel multa t' 20% tal-offerta li jkun tefa'.

19. L-operatur irid iżomm il-prezzijiet raġonevoli anke fi żmien il-Festa. Il-Kumitat għandu d-dritt li jimponi roħs fil-prezzijiet jekk dawn ikunu eżaġerati. **Il-Kumitat jitlob li l-operatur jippubblika lista tal-prezzijiet tal-prodotti kollha li jkollu għall-bejgħ**.

20. L-operatur ma jistax jissuloka il-bottegin lil terzi waqt il-perjodu illi hu mikri lilu.

21. Lotteriji jistgħu isiru biss f'isem il-Każin.

22. **IL-KUMITAT AMMINISTRATTIV IŻOMM ID-DRITT LI JIRRIFJUTA KULL OFFERTA ANKE L-AKTAR WAĦDA VANTAĠĠJUZA.** L-offerti mitfugħa jiġu murija lil dawk preżenti u ffirmati minn terzi persuni. Wara, l-Kumitat Amministrattiv iżomm laqgħa sabiex jiddiskuti l-offerti, fejn dik magħżula, dak inhar stess titwaħħal fuq in-Notice Board tal-Każin.

23. Hija x-xewqa tal-Kumitat li l-Każin jinfetaħ l-ġurnata kollha. Dak l-offerent li jindika li jkun ser jiftaħ il-ġurnata kollha jiġi preferut fuq l-offerti l-oħra. L-operatur irid jiftaħ **MINN TAL-ANQAS** f'dawn il-ħinijiet:

    **<u>Mill-1 ta' Settembru sat-30 ta' Marzu (Ħin tax-Xitwa)</u>**
    Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 4.00pm - 9.30pm
    Is-Sibt u l-Ħadd 7.00am - 9.30pm

    **<u>Mill-31 ta' Marzu sal-31 t'Awwissu (Ħin tas-Sajf)</u>**
    Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 4.00pm - 11.00pm
    Is-Sibt u l-Ħadd 7.00am - 11.00pm

    Dawn il-ħinijiet t'hawn fuq huma biss indikattivi u il-Ħinijiet tal-ftuħ uffiċjali tal-każin jiġu stipulati qabel l-iffirmar tal-kuntratt u jridu jibqgħu jiġu osservati matul is-sena kollha. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kumitat għandu dritt jimponi penali ta' €50 kull darba li din ir-regola ma tkunx osservata.

24. L-applikant li joffri li jopera l-Bottegin il-ġurnata kollha bl-eċċezzjoni ta' nofs ta' nhar wieħed matul il-ġimgħa (preferibilment ikun it-Tnejn filgħodu) jingħata preferenza fuq l-offerti l-oħra mitfugħa. Il-ħinijiet iridu jkunu kkonfermati fl-applikazzjoni.

25. L-operatur illi jintghazel ikun irid jersaq biex jiffirma kuntratt ta' kera biex jirregola l-operat tal-bottegin fi zmien ħames (5) t'ijiem milli jiġi notifikat illi l-offerta tiegħu/tagħha ġiet magħżula.

**IL-KUMITAT AMMINISTRATTIV**